

Brussell, 2 ta' Settembru 2022
(OR. en)

11907/22

ENER 405
ENV 814

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	11427/22
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2019/1781 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni (proċedura regolatorja bi skrutinju)

1. Billi l-miżura prevista hija konformi mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura¹ ta' hawn fuq lill-Kunsill għal skrutinju f'konformità mal-proċedura fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE². Billi l-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill għandu sat-12 ta' Ottubru 2022 biex jiddeċiedi li jopponi l-adozzjoni.

¹ 11427/22

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Id-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw kwalunkwe kumment dwar dan il-fajl sas-16 ta' Awwissu 2022. Id-delegazzjonijiet ma pprovdeu l-ebda indikazzjoni li hemm xi raġuni sabiex issir oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżura inkwistjoni għar-raġunijiet deskritti fid-Deċiżjoni 1999/468, jiġifieri li:
- jeċċedi s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku;
 - huwa inkompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku; jew
 - ma jirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.
3. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm ebda raġuni biex issir oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżura. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihex, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżura proposta f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.
-